KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 10 ta' Marzu 2009(13.3)
(OR.en)

6356/2/09
REV 2

COPEN 31

**NOTA TA' TIFSIR RIVEDUTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Tibor Kiss, Rappreżentant Permanenti, Rappreżentanza Permanenti tal-Ungerija għall-Unjoni Ewropea |
| lil: | Is-Sur Ivan Bizjak, Direttur Ġenerali, DGH, Ġustizzja u Affarijiet Interni, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Suġġett: | Id-Deċiżjoni Qafas 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji<br>- Ittra ta' notifika |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ittra ta' notifika mill-Ungerija.

.

RAPPREŻENTANZA PERMANENTI TA'
IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA GĦALL-UNJONI EWROPEA

1122/HÁK/EU/Adm./2007

**Is-Sur Ivan BIZJAK**
Direttur Ġenerali
Ġustizzja u Affarijiet Interni
Segretarjat Ġenerali
tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1049 Brussell

Sinjur,

Nixtieq ninfurmak li l-Atti li ġejjin, mehmużin ma' dan, jikkompletaw it-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji:

– L-Att XXXVI tal-2007 dwar assistenza legali fir-rigward ta' reati minuri;
– L-Att XXXVIII tal-1996 dwar assistenza legali internazzjonali f'materji kriminali;
– L-Att XIII tal-2007 li jemenda l-Att XXXVIII tal-1996 dwar assistenza legali internazzjonali f'materji kriminali u l-Att CXXX tal-2003 dwar il-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea f'materji kriminali;
– L-Att CXXX tal-2003 dwar il-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea f'materji kriminali.

Nixtieq ninfurmak ukoll li r-Repubblika tal-Ungerija tixtieq tagħmel id-dikjarazzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-Artikoli 2 u 16 tad-Deċiżjoni Qafas:

"Artikolu 2

- meta r-Repubblika tal-Ungerija tkun l-*Istat emittenti*, il-qrati tagħha jkunu kompetenti skont id-Deċiżjoni Qafas,

- b'applikazzjoni tal-Artikolu 1(a)(iii) tad-Deċiżjoni Qafas, il-qrati, is-segretarji tal-kunsill tal-belt ("**jegyző"**) fl-irħula, fil-bliet, fil-bliet bi status ta' kontea, u fid-distretti metropolitani, l-għases tal-pulizija (korpi tal-pulizija), l-Ispezzjoni tal-Mini, l-awtorità tal-impjiegi u l-awtorità għall-protezzjoni tax-xogħol, il-korp responsabbli mill-konservazzjoni ta' żoni naturali protetti u korpi amministrattivi tas-saħħa tar-Repubblika tal-Ungerija jkunu kompetenti skont id-Deċiżjoni Qafas, bil-**Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija Nazzjonali** bħala l-awtorità ċentrali,
- meta r-Repubblika tal-Ungerija tkun l-*Istat ta' esekuzzjoni*, il-qrati tar-Repubblika tal-Ungerija jkunu kompetenti skont id-Deċiżjoni Qafas,
- b'applikazzjoni tal-Artikolu 1(a)(iii) tad-Deċiżjoni Qafas, il-**Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija Nazzjonali** jkunu l-awtorità kompetenti skont id-Deċiżjoni Qafas.

Artikolu 16

- L-Artikolu 1 tal-Att CXXX 67/L tal-2003 jiddikjara espressament li t-talbiet jintlaqgħu bl-Ungeriż,
- skont l-Att XXXVI tal-2007 dwar assistenza legali fir-rigward ta' reati minuri, it-talbiet jistgħu jintlaqgħu bl-Ungeriż."

Dejjem tiegħek,

Tibor KISS
Ambaxxatur